

29.9.2014

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1358/2011 imressqa minn Annemarie Grosshans, ta' ċittadinanza Ġermaniża, f'isem il-Professuri tal-Bijokimika, i.a. Rebbieħa tal-Premju Nobel, b'140 firmatarju, dwar eżenzjoni għad-dubbien tal-frott (*Drosophila melanogaster*) mill-kontrolli veterinarji fil-fruntieri esterni tal-UE skont id-Direttiva 91/496/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE

1. Sommarju tal-petizzjoni

Huwa magħruf sew li d-dubbien tal-frott huma essenzjali għal riċerka medika u bijomedika. Dawn huma mrobbija minn laboratorji għal dak il-għan biss, f'kundizzjonijiet kompletament sterili, mingħajr ma qatt jidħlu f'kontatt man-natura. Madankollu, huma soġġetti għal kontrolli veterinarji fil-fruntieri esterni tal-UE, apparentement b'konformità mad-Direttiva 91/496/KEE li tistabilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjonijiet tal-kontrolli veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE dwar il-listi ta' annimali u prodotti li huma soġġetti għal kontrolli f'postijiet ta' spezzjoni fil-fruntieri. Sfortunatament, dawn il-kontrolli qed isiru b'mod li jistgħu jniġġsu l-purità jew sempliċiment jeqirdu l-kunsinna tad-dubbien. Ix-xjentisti eminenti jressqu petizzjoni lill-Parlament biex jiksbu eżenzjoni mill-kontrolli veterinarji għad-*Drosophila melanogaster* importata għal skopijiet xjentifiċi.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-20 ta' April 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-27 ta' Ġunju 2012

Il-petizzjoni hi bbażata fuq l-informazzjoni li minħabba kontrolli veterinarji fil-postijiet ta'

spezzjoni fil-fruntiera (BIPs), konsenji ta' dubbien tal-frott jista' jkunu kontaminati u għalhekk ma jibqgħux utli għar-riċerka xjentifika. Barra minn hekk, kunsinni numerużi fihom dubbien tal-frott mejjet, peress li kunsinni jdumu minħabba l-kontrolli veterinarji.

Eżempju wieħed jirreferi għal kunsinna ta' dubbien tal-frott li ntbagħtet minn Bloomington, USA fit-22.09.2011, iżda, ġiet iċċekkjata biss fil-BIP fl-ajruport ta' Frankfurt fil-25.10.2011. Minkejja l-kontenut tal-5 kunjetti ta' trasport kien immuffat u minkejja li kien hemm dubbien tal-frott mejjet f'kunjetti oħra tat-trasport, il-kunsinna ġiet aċċettata għal importazzjoni mingħajr eżami ulterjuri biex tiġi stabbilita r-raġuni għall-moffa u l-insetti mejtin.

Eżempju ieħor jirreferi għal kunsinna ta' 17-il kunjett ta' trasport bid-dubbien tal-frott li daħlu fl-ajruport ta' Frankfurt u li waslu fid-destinazzjoni bid-dubbien tal-frott mejjet f'9 kunjetti tat-trasport.

Leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-importazzjoni tal-kontrolli ta' annimali ħajjin, kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE¹, tirrikjedi li l-kontrolli veterinarji jitwettqu fil-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntieri approvati fuq il-kunsinni kollha ta' annimali ħajjin. B'definizzjoni, dan jinkludi insetti ħajjin bħal *Drosophila* importata għal raġunijiet ta' riċerka.

Sabiex jiġi żgurat li ma jseħħ dewmien għal kunsinni ta' annimali ħajjin fil-BIPs, l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 91/496/KEE jobbliga lill-importatur biex jinnotifika lill-BIP rilevanti dwar kull kunsinna ta' annimali ħajjin, jum ta' xogħol qabel il-wasla tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, billi jiġu speċifikati l-għadd, in-natura u l-ħin previst tal-wasla tal-annimali. Għal din in-notifika, l-ewwel parti tad-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (CVED), kif ipprovdut fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2004², għandha tiġi pprovduta mill-persuna responsabbli għall-kunsinna lill-BIP, u l-kunsinni kollha ta' annimali ħajjin għandhom jintbagħtu dritt lill-BIP.

Ta' min jinnota li, skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/794/KE³, annimali ħajjin, inklużi insetti, mhumiex soġġetti għal eżami kliniku individwali jew it-teħid ta' kampjun bħala parti minn kontroll veterinarju, iżda huma meħtieġa biss li jgħaddu minn osservazzjoni tal-istat tas-saħħa tagħhom bħala grupp. Dawn il-kontrolli huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-annimali importati fl-Unjoni huma fl-istat iddikjarat fid-dokumentazzjoni li jakkumpanjahom, inklużi l-ispeċijiet, u mhux annimali li joħolqu r-riskji.

B'rabta mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali, insetti ħajjin huma koperti mir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE⁴. Peress li m'hemmx kundizzjonijiet tas-saħħa

¹ Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' verifiki veterinarji fuq annimali deħlin fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE, ĠU L 268, 24.9.1991.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2004 tat-18 ta' Frar 2004 li jintroduċi dokument għad-dikjarazzjoni, u kontroll veterinarju, fuq annimali minn pajjiżi terzi li deħlin fil-Komunità, ĠU L 49, 19.2.2004.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/794/KE tat-12 ta' Novembru 1997 li tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE fir-rigward ta' kontrolli veterinarji fuq annimali ħajjin li għandhom jiġu importati minn pajjiżi terzi, ĠU L 323, 26.11.1997.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) ta' Direttiva 90/425/KEE,

tal-annimali armonizzati definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti li jstabilixxu regoli għall-importazzjoni ta' annimali bħal dawn. Jekk dawn l-annimali huma ppreżentati f' BIP ta' Stat Membri għal iktar transport fi Stat Membru ieħor, il-BIP tad-dħul għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali nazzjonali tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Fir-rigward taż-żewġ eżempji pprovduti, il-Kummissjoni ġiet infurmata li dawn il-kunsinni ntbagħtu permezz ta' posta normali, mingħajr ittikkettar IATA speċifiku applikabbli għat-trasport ta' annimali ħajjin biex jiġi żgurat it-trattament adegwat u mingħajr l-għażla ta' posta express għal wasla rapida. Il-bolla tal-posta fuq il-kunsinna minn Bloomington uriet li l-pakkett telaq minn Bloomington biss fis-27.09.2011. Il-posta Ġermaniża wasslet il-pakkett eżatt wara l-wasla tiegħu fil-BIP fi Frankfurt/Main fil-25.10.2011, iżda mhuwiex magħruf fejn kien il-pakkett bejn iż-żewġ ħinijiet.

Konklużjoni

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprovdni għal kontrolli rapidi u effiċjenti fuq annimali ħajjin fil-BIPs. Element ewlieni ta' dan hu n-notifika minn qabel. Jekk il-BIP ikkonċernat ma jiġix avżat dwar l-annimali ħajjin, aktarx li jkun hemm dewmien. Barra minn hekk, aktarx li jkun hemm dewmien u trattament inadegwat ta' kunsinni, jekk jintbagħtu permezz ta' posta normali minflok ma jintużaw servizzi professjonali għat-trasport tal-annimali biex jiġi żgurat li l-annimali jaslu fid-destinazzjoni malajr u b' saħħithom.

Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja li r-regoli attwali dwar l-importazzjonijiet ta' insetti jistgħu jidhru ta' piż għal xi operaturi u qablet li tinvestiga l-kwistjoni fir-rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Dan il-proċess għaddej bħalissa u l-Kummissjoni qed teżamina jekk it-tħassib dwar ċerti insetti li jitkabbru f' laboratorju huwiex qed jitqies. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq proposti għal liġi tas-saħħa tal-annimali ġdida u għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 882/2004¹, inklużi d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-kontrolli tal-importazzjoni ta' annimali ħajjin, li hi skedata li tiġi adottata sal-aħħar tal-2012. Fi ħdan il-qafas legali previst, regoli dettaljati dwar l-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin bħal dawn jistgħu mbagħad jitfasslu billi jitqies it-tħassib espress fir-rigward ta' ċerti speċijiet ta' insetti bħal *Drosophila melanogaster* maħsuba għar-riċerka.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġiba tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub P-9820/10², E-4576/2010³, E-000154/2012⁴ u E-001494/2012⁵.

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fl-29 ta' Settembru 2014

B'segwitu għall-komunikazzjoni inizjali tagħhom tas-27 ta' Ġunju 2012, u d-dibattitu fil-

ĠU L 268, 14.9.1992.

¹ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali, ĠU L 165, 30.4.2004. Verżjoni kkorreġuta fil-ĠU L 191, 28.5.2004.

² <http://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=P-2010-9820&language=EN>.

³ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=E-2010-4576&language=EN>.

⁴ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=E-2012-000154&language=EN>.

⁵ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=E-2012-001494&language=FR>.

Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-5 ta' Diċembru 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni jixtiequ jirreferu lill-Membri għall-ittra (ref. Ares(2014)1092361) mibgħuta fis-7 ta' April 2014 mis-Sur Tonio Borg, Membru tal-Kummissjoni Ewropea, lis-Sa Erminia Mazzoni.